# Bħal-lum 70 sena miet Nerik Mizzi

Nerik Mizzi, Eks Prim Ministru ta' Malta u Eks Kap tal-Partit Nazzjonalista miet nhar l-Erbgħa 20 ta' Diċembru, 1950... bħal-lum 70 sena ilu.

Xtaqt ħafna li nikteb il-fehma tiegħi dwar dan il-ġgant tal-politika Maltija iżda waqt li kont qed inqalleb pubblikazzjonijiet u kitbiet dwar Nerik Mizzi ltqajt ma' librett kommemorattiv li nħareġ ftit wara l-mewt tiegħu. Din il-pubblikazzjoni ħa ħsiebha n-Nutar Vincenzo Maria Pellegrini li fost l-oħrajn, inkluda artiklu mill-isbaħ li nħoss li jogħġob ukoll lill-qarrejja ta' din il-gazzetta.

U allura, flok x'naħseb jien, illum qed nippubblika dan l-artiklu ta' V.M Pellegrini (1911-1997) li kien qrib ħafna ta' Nerik Mizzi fil-Partit Nazzjonalista.

Minn dan l-appezzament tan-Nutar Pellegrini żgur li l-aħħar li jolqtok hu l-element patrijottiku safejn Nerik Mizzi kien lest li jissagrifika ruħu biex jara lil Malta libera, tikkmanda lilha nnifisha. U biex jintlaħaq dan l-ideal, il-Kap Nazzjonalista ma kienx lest li jagħmel kompromessi... il-prinċipji tiegħu ma kinux għall-bejgħ.

Tant hu hekk li fl-ewwel żminijiet tal-karriera tiegħu, Nerik Mizzi kien offrut karigi li kienu jagħmlulu ħajtu ferm aktar faċli u ċertament mhux il-ħajja ta' diffikultajiet enormi li fil-fatt kellu jgħaddi minnhom... f'Malta u anki 'l bogħod minn artna.

L-artiklu tan-Nutar Pellegrini laqatni għaliex ħafna minn dak li hemm miktub għadu jorbot sal-lum u l-appell finali tiegħu hu ħiereġ mill-qalb ta' min ħabb lil Malta u ħadem b'risq dan l-ideal fil-qalba tal-Partit Nazzjonalista.

Nerik Mizzi jibqa' ħaj fil-qalb ta' dawk li jgħożżu l-istess ideali.

**ANALIŻI POLITIKA**



**Victor Camilleri**
Eks-editur ta' il-mument u In-Nazzjon

# Min kien u x'jirrappreżenta

**minn Vincenzo Maria Pellegrini**

Donnha ħaġa pwerili tistaqsi min kien Nerik Mizzi, b'danakollu llum, meta dik il-persuna li aħna konna nsejħu 'Nerik Mizzi' għaddiet mill-ħajja tagħna għal dak li aħna maħluqin għaliha, Nerik Mizzi allura jsir simbolu tal-ideal li għalih kull patrijott ibati, isofri u jmut.

Fiż-żminijiet tal-lum hi verament b'għafsa ta' qalb li tirrealizza kemm l-onestà politika qiegħda fil-bogħod; kemm huma verament skarsi n-nies tat-tip ta' Nerik Mizzi, it-tip l-antik, it-tip ta' dawk li bil-kuraġġ ħabbew l-ideal tagħhom onestament, disinteressatament, patrijottikament u għalih ma beżgħux isofru u jmutu.

Nerik Mizzi kien bniedem politiku li seta' jagħmel unur mhux biss liċ-ċkejkna gżira tagħna iżda lil kwalunkwe pajjiż ieħor, għaliex hu kellu d-doti kollha li jagħmlu l-bniedem politiku, il-bniedem imlibbes bid-don partikulari ta' min hu maħluq biex iriegi l-popli.

Ġentlom perfett – mhux ta' b'xejn fi żminijietu laqqmuh *Cavaliere senza macchia e senza paura* – hu kien jaf jara l-punti di vista ta' kulħadd u kien jirrispetta l-opinjoni tal-avversarji li dejjem ikkumbatta bl-armi legali u bl-akbar lealtà; kien rispettat għalhekk mill-ħbieb u mill-għedewwa, u l-ikbar sodisfazzjon ta' ħajtu kienet dejjem il-fehma li nies ta' kull kulur politiku, jaqblu miegħu jew le, dejjem esprimew fuqu u cioè li hu kien onest, galantom, ġenwin u patrijott.

U issa, li Nerik Mizzi m'għadux magħna, dawn id-doti sbieħ tiegħu jiffurmaw raġġiera mal-personalità tiegħu u għalhekk, filwaqt li l-umanità tiegħu se tinħeba fil-qabar kiefer, huma se jibqgħu jiddu b'dawl l-aktar sabiħ biex jilluminaw lil dawk kollha li jsegwu l-passi u li tgħallmu fl-iskola li tagħha hu kien il-Kap.

Nerik Mizzi għalhekk hu s-simbolu l-aktar nobbli li kull nazzjonalist għandu jħaddan biex ma jagħmilx tort lil mexxej qalbieni li wassal f'dawn iż-żminijiet koroh lill-Partit fil-quċċata tal-gvern li minnu l-poplu kollu qiegħed jistenna l-ġid għaliex kellu l-akbar fiduċja fir-rettitudni tal-Prim Minsitru li llum tilef għal dejjem.

## X'kien jirrappreżenta Nerik Mizzi?

Faċli twieġeb meta tħares madwarek u ma tarax iżjed dawk il-qalbiena li kellhom f'qalbhom u f'moħħhom il-glorja ta' pajjiżhom, il-qima tat-tradizzjonijiet li sa mill-eqdem żminijiet iddistingwew lill-Maltin minn kull poplu ieħor; in-nar tal-patrijottiżmu l-iktar safi li jġiegħel lill-individwu jinsa l-bżonnijiet personali tiegħu, jgħakkes l-egoiżmu li hemm fil-bniedem, ma jagħtix lill-familja dak kollu li jistħoqqilha, biex jiddedika ruħu kollu kemm hu għall-ġid ta' art twelidu.





Midalja li tikkommemora lil Nerik Mizzi maħruġa mill-PN fl-1985.

Nerik Mizzi kien jirrappreżenta dak kollu li hu tagħna bis-saħħa tal-istorja, bil-konferma tat-tradizzjonijiet, bil-jedd ta' nies ċivilizzati li tajna lil ħaddieħor iċ-ċiviltà u minn ħaddieħor ma rċevejna xejn ħlief prepotenzi u abbużi.

Nerik Mizzi kien jiġbor fih is-sentiment l-iktar safja ta' kull Malti li verament iħobb lil art twelidu, għandu jgħożż ġo fih bħala t-teżor l-iktar mixtieq, id-dawl li għandu jmexxi lil ulied din artna biex ma jinsewx x'kienu, x'inhuma, x'għandhom jibqgħu u jkunu, l-imħabba li ma tingannax ruħha b'wegħdiet fiergħa, bil-wegħdiet ta' għana, bit-tlellix ta' unuri li meta ssarrafhom jistgħu jisfaw ramel u trab tal-art, dak kollu li hu l-kobor tal-pajjiż, kobor morali, kobor spiritwali, kobor ta' għixien sobrju, fil-limiti tiegħu, skont kif jixraq lil min iżomm rasu għolja, lil min jitlob bis-saħħa tal-Ġustizzja dak li ħaqqu u ma jistħux jistqarr il-jedd li missirijietna batew biex jikkonsenjawhulu.

Maltin, Nazzjonalisti, Nazzjonalisti ħaddiema, Nazzjonalisti ta' kull grad soċjali, Nerik Mizzi m'għadux magħna, iżda magħna baqa' l-ispirtu tiegħu. Kull Malti, li hu verament tali, li għal Malta ma jittransiġi ma' ħadd, li jpoġġi lil Malta l-ewwel u qabel kollox, li għad-drittijiet ta' Malta jissielet b'ħiltu kollha kontra kull għadu ġewwieni u barrani, li jrid li Malta tibqa' dik kif riduha missirijietna, imżejna bil-qawwa tal-istorja tagħha, bit-tradizzjonijiet tagħha, bil-kultura latina tagħha, bir-raġġiera ta' omm iċ-ċiviltà Mediterranja – kull Malti, kull Nazzjonalist għandu jaħlef li ma jiċħad qatt il-prinċipji li għalihom Nerik Mizzi sofra ħajtu kollha – ikunu x'ikunu ċ-ċirkustanzi – li qabel xejn u qabel kollox hu Malti, Malti kattoliku, Malti ġentlom, Malti patrijott, Malti leali lejn kull min irid il-ġid ta' artna, Malti mfassal fuq it-tip ta' dawk il-patrijotti kollha li, bħal Nerik Mizzi, qatt ma ċaħdu xejn minn dak li hu l-glorja, il-kobor, il-passat, il-futur ta' gżiritna.



Nerik Mizzi

■ Le, Nerik Mizzi ma ħalliniex. Nerik Mizzi għadu magħna sakemm jibqgħu f'Malta Nazzjonalisti ġenwini, patrijotti diżinteressati, ġentlomi perfetti.

■ Le, Nerik Mizzi ma ħalliniex. Nerik Mizzi għadu magħna, għadu fjamma f'sider kull wieħed minna u dik il-fjamma aħna ma nħalluhiex tintefa qatt u nħalluha wirt lil uliedna biex anki jagħrfu s-sewwa u jiġġieldu għal art twelidhom.

■ Le, Nerik Mizzi ma ħalliniex. Nerik Mizzi għadu ħaj ġo fina u għalhekk għall-għajta mbikkma, għall-aħħar għajta lil Malta ssemma qabel ma x-xbieha tiegħu tinħeba minn għajnejna, għall-għajta tal-isem maħbub, għall-għajta ta' **ENRICO MIZZI** kulħadd jirrispondi spontanjament, patrijottikament 'PREŻENTI" u preżenti jibqa' magħna għaliex hu s-simbolu ta' Malta, nazzjon magħqud, imżejjen bl-isbaħ baħar u bl-isbaħ xemx u, fuq kollox b'ulied qalbiena li żgur ma jħalluha qatt tintilef, f'isem in-nazzjonaliżmu, f'isem NERIK MIZZI.